# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020**

**Numru 11**

**Rikors Numru 1196/19TA**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**vs**

**Simon Vella (KI nru: 0114877M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramenta preżentat mis-Soċjeta' attriċi u maħluf minn Luke Milton li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwent:-

"1. Illi b'kuntratt datat tnax (12) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019)(hawn anness u mmarkati bħala Dok A) il-konvenut xtara permezz ta' kuntratt ta' *hire and purchase* ("il-Kuntratt") il-vettura BMW 320 SE COUPE targata ACP 383 (hawn aktar il-quddiem bħala "il-Vettura");

2. Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenut kien ftiehem li jħallas it-total ta' Tmintax il-Elf Ewro (€18,000) b'pagamenti mensili ta' Tlett Mitt Ewro (€300.00) fix-xahar (vide Klawsola 2.4 tal-kuntratt kif ukoll il-*Payment Schedule* annessa bħala Dok B). Illi inoltre l-konvenut ffirma sittin (60)

kambjala ta' Tlett Mitt Ewro (€300.00) (hawn annessi u mmarkati bħala Dok C);

3. Illi l-konvenut waqaf iħallas l-ammonti dovuti skond il-Kuntratt imsemmi mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-hlas mis-soċjeta` rikorrenti;

4. Illi l-konvenut sal-lum ħallas biss l-ammont ta' elef u mitt Ewro (€1,100) mill-bilanċ dovut għall-Vettura rappreżentanti erba' (4) pagamenti mensili għall-prezz tal-Vettura u sussegwentement baqa' inadempjenti fl-obbligi tiegħu għall-ħlas għax-xhur sussegwenti wara Lulju tal-elfejn u dsatax (2019) sal-lum il-ġurnata;

5. Illi wara interpellazzjonijiet ta' ħlas mis-soċjeta' rikorrenti, fl-għaxra (10) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) il-konvenut ħalla l-imsemmija vettura ġewwa s-showroom tas-soċjeta' rikorrenti ġewwa Triq Ħal Farruġ, Luqa, fejn avża lis-soċjeta' rikorrenti li mhux ser ikompli jħallas skont il-Ftehim minħabba li ma għadx għandu iktar impjieg;

6. Illi skond il-Klawsola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment […] <u>the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses</u>";

7. Illi inoltre skond il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses …"

8. Illi għalhekk il-konvenut ddekada mill-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz;

9. Illi għalhekk sal-lum il-bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-konvenuta hu l-ammont ta' Sittax il-Elf u Disa' Mitt Ewro (€16,900);

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut kiser il-kuntratt ta' *hire and purchase* datat tnax (12) ta' Marzu tal-Elfejn u Dsatax (2019) bejn il-partijiet (Dok A);

2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *hire and* bejn il-partijiet (Dok A) il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura BMW 320 SE COUPE targata ACP 383;

3. Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' Sittax il-Elf u Disa' Mitt Ewro (€16,900) rappreżentanti bilanċ dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tat-tnax (12) ta' Marzu tal-elfejn u dsatax (2019)(Dok A);

4. Tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' Sittax il-Elf u Disa' Mitt Ewro (€16,900);

B-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat li ir-rikors debitament notifikat lill-Konvenut baqa' ma għamel ebda risposta għalih;

Rat ir-rikors ta' tal-Konvenut Simon Vella tal-1 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

"Illi l-esponent deher quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-aħħar udjenza li nżammet nhar il-15 ta' Settembru 2020.

Illi kif ġie ddikjarat minnu stess fl-istess seduta l-atti ġew a konoxxenza tiegħu ftit tal-jiem qabel is-seduta meta effettivament ġia kien skada t-terminu tiegħu għar-risposta ġuramentata.

Illi l-atti jirriżulta li tħallew f'idejn ċertu Brandon Gouder, li f'idejh l-esponent kien ħalla l-ġestjoni ta' ħanut ġeww l-Fgura.

Illi Brandon Gouder huwa persuna ta' wieħed u għoxrin (21) li huwa evidenti li ma fehem xejn mill-import tal-ħtieġa li dawn id-dokumenti jinġiebu għall-attenzjoni ta' avukat tal-fiduċja tal-intimat fiż-żmien li trid il-liġi u li kien għal dina r-raġuni biss li ma ġietx preżentata risposta entro t-terminu legali.

Illi l-esponent għandu kull interess li jsegwi dina l-kawża u għandu xhieda li jikkontradixxu dak li jgħidu l-atturi fir-rikors promotur, tant illi huwa anke attenda għall-aħħar seduta u sfortuntament, kien evidenti li ma kienx fehem il-ħtieġa li tiġi ppreżentata risposta ġuramentata anke għaliex il-qari bażiku tiegħu ma ppermettilux jifhem l-import tad-dokument li kien irċieva.

Illi ikun ġust u ekwu li l-esponent jitħalla jikkontesta dawn it-talbiet u jtella' l-provi kollha jixtieq skond il-liġi u għalhekk l-esponent jixtieq jitlob id-debita awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.

Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja li jingħata wkoll l-opportunita' sabiex itella' xhieda u li jagħmel sottomissjonijiet fir-rigward tal-kontumaċja, tipprefiġġi terminu qasir li fih l-esponent ikun awtorizzat jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun."

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Attriċi tal-21 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

"1. **Introduzzjoni**

1.1. Il-konvenut ippreżenta rikors nhar l-1 ta' Ottubru, 2020 li permezz tiegħu talab illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtih l-opportunita` itella' xhieda u jagħmel sottomissjonijiet fir-rigward tal-kontumaċja u tipprefiġġi terminu qasir li fih ikun awtorizzat jippreżenta risposta maħlufa;

1.2. Fir-rikors tiegħu l-konvenut jgħid illi l-atti tħallew ma' "ċertu" Brandon Gouder li f'idejk kien ħalla l-ġestjoni ta' ħanut ġewwa l-Fgura u li dan huwa persuna ta' wieħed u għoxrin (21) sena li ma fehem xejn mill-ħtieġa li l-atti tal-kawża jinġabu a konjizzjoni ta' avukat ta' fiduċja tal-konvenut;

1.3. Dina l-Onorabbli Qorti akkordat żmien għaxart'ijiem min-notifika tar-rikors hawn fuq imsemmi sabiex il-kumpannija esponenti twieġeb għal tali rikors;

1.4. Il-kumpanija esponenti għalhekk qegħda tippreżenta din it-tweġiba tagħha permezz ta' liema qegħda topponi t-talba tal-konvenut li jingħata l-fakulta` li jingħata żmien sabiex jippreżenta risposta maħlufa billi ċertament ma jeżistux l-estremi legali sabiex tingħata tali fakulta`;

2. **It-talba kif formulata**

2.1. Il-konvenut mhuwiex qiegħed jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tammetti l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu iżda qiegħed biss jitlob illi tagħtih żmien sabiex jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu;

2.2. Il-kumpannija esponenti umilment tissottometti illi tali talba kif formulata u imressqa mill-konvenut ma tistax tintlaqa' għaliex ma hijiex talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja iżda sempliċiment talba sabiex jingħata żmien jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu;

2.3 F'kull każ, anke kieku tali talba titqies bħala waħda fejn il-konvenut qiegħed jitlob il-ġustifikazzjoni ta' l-istat kontumaċjali tiegħu, hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tali talba tiġi miċħuda;

## 3. Prinċipji regolaturi

3.1. Il-Qrati tagħna taw bosta sentenzi li fihom elenkaw il-prinċipji regolaturi ta' l-istitut tal-kontumaċja u l-ġustifikazzjoni ta' l-istess. Il-kumpannija esponenti tħoss li huwa ferm importanti li tali prinċipji jiġu elenkati għaliex minn analiżi ta' l-istess ser jirriżulta lil hemm minn kull dubju li l-konvenut ma għandux każ li jingħata l-fakulta` li jiġġustifika l-kontumaċja;

3.2. Fis-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet **Helen Miceli et v. Carmelo Pisani** ġie deċiż illi: *Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (e) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (h) li l-impossibilita` li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali*;

3.3. Fl-istess sens huma s-sentenzi kollha hawn imsemmija: sentenza ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**; sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet **Computer Evolution Centre Limited v. Godwin Schembri**; sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Diċembru, 2003 fl-ismijiet **Carmelo Galea v. Olga Agius**; sentenza oħra mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Myriam Causon v. Nicholas Falzon**; sentenza oħra mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet **Marco Grima v. Rita Grima** u dana fost għadd ieħor ta' sentenzi kollha fl-istess sens;

3.4 Elenkati l-prinċipji regolaturi jonqos li tali prinċipji jiġu applikati għall-allegazzjoni ta' fatt imressqa mill-konvenut sabiex jittenta jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

## 4. Il-każ odjern

4.1. Fil-każ odjern, in-notifika ta' l-atti tal-kawża saret nhar il-11 ta' Awwissu, 2020 f'idejn Brandon Gouder ġewwa ħanut "Tad-Doughnuts", 181, Hompesch Road, Fgura;

4.2. Dan il-ħanut huwa ġestit mill-konvenut;

4.3. Il-persuna li f'idejha tħallew l-atti mhux sempliċiment "ċertu Brandon Gouder" kif jgħid il-konvenut fir-rikors tiegħu. Brandon Gouder huwa iben il-konvenut u dan kif huwa stess informa lil dina l-Onorabbli Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Settembru, 2020;

4.4 Apparti minn hekk, il-konvenut ħalla l-ġestjoni f'idejn ibnu Brandon Gouder filwaqt illi saret in-notifika ta' l-atti ta' dina l-kawża;

4.5. Skond l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *in-notifika tista' wkoll issir billi* ***dik il-kopja titħalla fil-lok fejn*** *toqgħod jew* ***taħdem jew fil-post tax-xogħol*** *jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna* ***f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna*** *jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha*;

4.6 Brandon Gouder, iben il-konvenut, ma għandux wieħed u għoxrin (21) sena iżda tlieta u għoxrin (23) sena kif jixhed in-numru tal-karta ta' l-identita` tiegħu;

4.7. In-notifika hija għalhekk waħda valida għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;

4.8. Huwa dan il-kwadru tal-fatti li fuqu qiegħed issejjes it-talba tiegħu sabiex – fl-aħjar ipoteżi għalih – jiġġustifika l-istat kontumaċjali tiegħu;

4.9. Jingħad mingħajr tlaqliq li ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li dak illi qiegħed jiġi allegat mill-konvenut ma jista' qatt jagħti lok għal ġustifikazzjoni ta' l-istat kontumaċjali tiegħu;

4.10. Il-konvenut ma jadduċi l-ebda raġuni għaliex il-persuna li f'idejha ħalla l-ġestjoni tal-ħanut tiegħu, Brandon Gouder ibnu ta' tlieta u għoxrin (23) sena,, u persuna li skond il-liġi tista' tiġi notifikata bl-atti ġudizzjarji, kienet kapaċi tieħu ħsieb ħanut iżda ma kenitx kapaċi li tapprezza illi dokumenti mill-Qorti indirizzati lill-missieru għandhom jiġu mgħoddija lill-missieru;

4.11. Tabilħaqq, il-konvenut imkien ma jgħid meta u kif ibnu għaddielu d-dokumenti ġudizzjarji u dan ikompli juri l-istat kolpuż u negliġenti – fl-aħjar ipoteżi għalih – illi jinstab fih il-konvenut;

4.12. Lanqas jispjega kif mill-11 ta' Awissu, 2020 sad-data ta' l-ewwel udjenza tal-15 ta' Settembru, 2020 huwa ma għamel xejn u ma ikkomunika ma' l-ebda avukat;

4.13. Lanqas imbagħad ma huwa spjegabbli kif il-konvenut reġa' dam ħmistax-il ġurnata oħra (mill-15 ta' Settembru, 2020 sa l-1 ta' Ottubru, 2020) biex ippreżenta r-rikors illi għalih qegħda twieġeb il-kumpannija esponenti;

4.14. F'kull każ huwa dover fuq il-konvenut illi jagħmel dawk l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex l-atti indirizzati lilu fir-

residenza tiegħu u fil-post tan-negozju jew tax-xogħol jaslulu. Jekk ma jagħmilx dan huwa jkun qiegħed jonqos u jkun negliġenti u ma jistax iweħħel f'ħaddieħor ta' dik in-negliġenza tiegħu;

4.15. Dan huwa l-ħsieb illi l-Qrati tagħna dejjem tennew. Hekk per eżempju, il-kumpannija esponenti tagħmel referenza għal dak ritenuto minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet **Paul Caruana v. Mark Debono et** fejn ġie ritenut illi *dwar x'iwassal lil kontumaċja biex titqis bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin et, fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-ommissjoni tal-konvenut li, in konformita` mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf … Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta. Jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-liġi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq iċ-ċittadini kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jirċievu. Dwar dan jidher li l-Qorti tal-Appell, fi żmienijiet aktar qrib dehrilha li kien wasal il-waqt li ttenni din il-linja ta' ħsieb fil-qies dwar jekk persuna hijiex kontumaċi bi ħtija jew le*

4.16. Huwa sintomatiku wkoll il-fatt illi l-konvenut ma huwa xejn preċiż għal dak illi huwa l-mument jew iż-żmien li fih huwa ingħata l-atti tal-kawża u għaliex huwa avviċina lill-avukati tiegħu wara li kienu għaddew għoxrin (20) ġurnata minn meta rċieva l-atti tal-kawża odjerna. Ommissjonijiet ferm konvenjenti għall-konvenut;

4.17. Is-sentenzi tal-Qrati tagħna huma fis-sens li traskuraġni ma hijiex skużanti. Fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Marco Grima v. Rita Grima** ġie ritenut illi: pero` sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja trid tkun ġusta kawża ("**Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**"); u tali kawża ġusta trid tikkonsisti fl-impediment leġittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun leġittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaċi (XLII.i.811; XXIX.i.1581), b'dan għalhekk li l-konklużjoni loġika ta' dawn il-prinċipji huwa illi "f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li **m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur**

**damnum sentire"** (**"Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia**" A.C. 16 ta' Frar 1996);

4.18. Lanqas l-allegazzjoni tal-konvenut illi huwa għandu kapaċita` ta' "qari bażiku" hija mxejna mill-imġieba tiegħu stess billi kieku ma kienx jaf jaqra ma kienx ikun jaf id-data li għandu jitla l-Qorti! F'kull każ dejjem ikun nuqqas tal-konvenut illi ma jkunx ħa ħsieb illi jieħu l-karti għand min jaf jaqra iktar minnu biex jispjegahomlu!

4.19. Għalhekk f'dan il-każ jirriżulta li l-konvenut ma għandu l-ebda raġuni għaliex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu billi – anke kieku stess dak li qiegħed jgħid huwa minnu – huwa ġab ruħu b'mod kolpuż u in ogni każ ma kien jeżisti l-ebda impediment leġittimu indipendenti mir-rieda tal-konvenut;

**5. Dwar xi raġunijiet marbuta mal-mertu**

5.1. Il-konvenut jagħti raġunijiet li jidher li huma marbuta mhux mal-kwistjoni tal-kontumaċja iżda mal-mertu tal-kawża: eżempju, l-allegazzjoni li għandu xhieda illi jikkontradixxu dak li tgħid il-kumpannija attriċi fir-rikors promotur. Teknikament dawn l-allegazzjonijiet għandhom jiġu skartati għaliex ġie ritenut li l-kwistjoni dwar il-kontumaċja ma għandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawża. Fil-fatt, fis-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Myriam Causon v. Nicholas Falzon** ingħad *Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li ngħad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**" (A.C. (JSP)(CA)(JDC) 21 ta' Lulju 2001 fejn ingħad is-segwenti:- "Indubbjament l-istutut ta' kontumaċja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawża jew ma' l-implikazzjonijet personali, soċjali jew xort'oħra tiegħu. Hu stitut intiż biss bħala fren biex irażżan l-atteġġjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien ċitat biex jersaq quddiem il-Qorti u jagħżel li jinjora tali ordni bla ma jkollu ġustifikazzjoni xierqa. Ma kienx ġust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-liġi ma tagħmilhiex u ma tippermettihiex*;

5.2 Ir-rikors u talba tiegħu huma għalhekk frivoli u intiżi biss sabiex jiddilungaw din l-istanza inutilment;

**6. Konklużjoni**

6.1. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-talba tal-konvenut għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu."

Semgħet lill-Konvenut jixhed fis-seduta ta' tal-5 ta' Novembru 2020;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors imsemmi.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment dwar ir-rikors fuq imsemmi.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Mill-atti jirrisulta li kemm ir-rikors ġuramentat u l-avviż għas-smiegħ tħallew f'idejn Brandon Gouder fl-indirizz Tad-Doughnuts, 181, Hompesch Rd, Fgura. Skond kif jirrisulta mill-istess xhieda tal-Konvenut fis-seduta fuq imsemmija, dan huwa ħanut li jappartjeni lilu, li l-imsemmi Brandon Gouder jiġi ibnu u li dan huwa ukoll fl-impieg tiegħu.

**2.** Tenut kont dawn it-tlett senjalazzjonijiet ma hemmx dubbju li l-atti inkwistjoni tħallew f'idejn persuna li hija idoneja li tirċievi atti ġudizzjarji ai fini ta' notifika ai termini tal-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta peress li l-imsemmi Brandon Gouder jikkwalifika kemm bħala persuna fis-servizz tal-Konvenut u di piu' huwa ukoll membru tal-familja tal-Konvenut. Irid jingħad ukoll li n-notifika saret ukoll fl-indirizz tal-post tax-xogħol. Di fatti anke l-Konvenut fir-rikors tiegħu ma hux qiegħed jikkontesta l-idonejita' tal-persuna li rċeviet l-atti jew l-indirizz fejn tħallew.

**3.** L-ilment prinċipali tal-Konvenut huwa li l-imsemmi Brandon Gouder "*huwa persuna ta' wieħed u għoxrin sena (21) li huwa evidenti li ma fehem xejn mill-inport tal-ħtieġa li dawn id-dokumenti jinġiebu għall-attenzjoni ta'*

*avukat ta' fiduċja tal-intimat kif trid il-liġi u li kien għal din ir-raguni biss li ma ġietx ippresentata risposta entro t-terminu legali.*" (ara raba' premessa tar-rikors a' fol 53 ).

**4.** Dwar il-kwistjoni ta' eta' ta' min jirċievi l-atti, l-artikolu suċitat jagħmel eċċezzjoni waħda u dan meta l-atti ġudizzjarji jitħallew f'idejn persuni ta' anqas minn erbatax-il sena u sakemm l-atti ma jaslux f'idejn il-persuna li kellha tkun notifkata (ara l-ewwel proviso tal-artikolu sudett).

**5.** Il-Qorti tirrileva li l-prinċipji li jirregolaw il-materja ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ilhom miġbura sa mill-1937 mill-Qorti ta' **l-Appell fil-kawża Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo [XXIX-I-1581]**, liema prinċipji baqgħu jiġu applikati regolarment f'kawżi sussegwenti b'tali mod li illum jiffurmaw ġurisprudenza ċara u inekwivoka.

**6.** Inoltre fis-**Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Frar 1995 fl-ismijiet Joseph Naudi Montalto noe vs Emmanuel Xuereb** saret referenza espliċita għat-tmien prinċipji s-segwenti:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
2. Anqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
3. Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bzonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
4. Dina l-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaċi;
6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;
7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal una neċessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;
8. L-impossibilita` li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

**7.** Il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda tal-Konvenut fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020. L-ewwel ma tosserva huwa l-fatt li imkien fix-xhieda tiegħu ma jgħid li l-imsemmi Brandon Gouder, ma qallux jew ma għaddilux l-atti minn meta kien irċevihom. Fost ftit kliem ma jagħti ebda indikazzjoni li l-atti ġew f'idejn il-Konvenut meta kienu laħqu għaddew l-għoxrin (20) ġurnata skont il-liġi għar-risposta ġuramentata.

**8.** Fil-waqt li fil-parti ċitata tar-rikors tiegħu bħal donnu jirrimprovera lill-imsemmi għaliex ma kienx fehem l-import tal-ħtieġa li dawn id-dokumenti jinġiebu għall-attenzjoni ta' avukat, kellha tkun fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Settembru 2020 li l-Konvenut qal li kien ser ikellem avukat u dan meta n-notifika saret fil-11 ta' Awwissu 2020. Anke minn dik is-seduta ħalla ġimgħatejn jgħaddu biex jippresenta r-rikors odjern.

**9.** Mix-xhieda tal-Konvenut jirrisulta li:

Ma jafx meta t-tifel għaddielu l-karti;

Li kienet din il-Qorti li qaltlu biex imur ikellem avukat meta għandu hekk imniżżel fl-avviz tar-rikors ġuramentat.

Li għalih hija ħaġa normali li ma jagħtix każ dak li jirċievi, anke jekk dak li jircievi jista' jkun importanti.

**10.** Għalkemm fir-rikors tiegħu ma jsemmi xejn, fil-kors tax-xhieda jgħid ukoll li ma jafx jaqra. Jekk ma kienx jaf jaqra, messu talab lit-tifel tiegħu jaqralu x'fih id-dokument għax fl-aħħar mill-aħħar fuqu straħ (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet Alfred Caruana et -vs- Carmel Mangion et**). Apparti l-Konvenut ma ġab ebda prova ċara li tassew ma jafx jaqra ħlief xehed hekk. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili fl-ismijiet Imħallef Giuseppe Mifsud Bonnici -vs- Paul Camilleri tas-26 ta' Jannar 2017**). Il-Qorti tfakkar li il-prova ta' ġustifikazzjoni f'każ ta' kontumaċja tistrieħ fuq min qed jitlob li jiġi ammess li jagħmel risposta ġuramentata fuori termini. Li kieku din il-Qorti kellha kull darba taċċetta bħala ġustifikata bħala raġuni tajba lil kull min għid li ma jafx jaqra biex jiġġustifika għalfejn għandu jressaq risposta ġuramentata tardiva, tkun qegħdha b'disinvoltura tinnewtralizza għal kollox l-effetti tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jirregola l-Istitut tal-kontumacja.

**11.** Fl-aħħar nett irid jiġi rilevat li huwa prinċipju assodat minn sensiela ta' deċiżjonijiet, li l-kontumaċja ma tistax titqies ġustifikata meta din hija kolpuża. Dejjem kien ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-culpa u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għax ***qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire***. (Ara **Simonds Farsons Cisk Limited vs Saviour Deguara deċiza fid-19 ta' Mejju 1997 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**).

**12.** Minn kif ingħad aktar 'l fuq, l-istess Konvenut jammetti fix-xhieda tiegħu, li ma jagħtix każ ta' dak li jirċievi anke jekk dak li jirċievi jista' jkun importanti, bħal ma wara kollox kienu d-dokumenti mertu ta' din il-proċedura. Di pju' l-anqas jagħti ħjiel ta' meta d-dokument ġie materjalment f'idejh. Fix-xhieda tiegħu dwar fatti ta' importanza li setgħu jinċidu fuq il-vertenza odjerna kien għal kollox nebuluż u kultant anke evażiv.

**13.** Għalhekk fid-dawl kemm tal-provi u kif ukoll tat-tagħlim ta' dawn il-Qrati, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Konvenut ma irnexxilux jipprova li hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi biex jiġi ammess iressaq risposta ġuramentata tiegħu.

**14.** Fl-aħħar nett il-Qorti pero' tfakkar illi, kif ġie kostantement deċiż minn dawn il-Qrati, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala ammissjoni: għall-kuntrarju, dejjem tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fl-artikolu 158 tal-Kap 12 fl-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-

kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti Attriċi, ikun wera dispett għas-sejħa tal-Qorti li l-liġi tikkastiga bħala element ta' disordni soċjali (**App. Ċiv Joseph Vella pro et noe vs John Vella, 21 ta' Mejju, 1993**).

Għaldaqstant il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi **tiċħad it-talba** tal-Konvenut Simon Vella li jingħata l-jedd li jikkontesta l-kawża, u dan billi l-kontumaċja tiegħu ma kinitx ġustifikata, iżda dejjem mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet mogħtija lilu bis-saħħa tal-artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**